MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 269/2008

Chef's Choice Limited (C 14565)

Vs

American Bistro Limited (C 27650).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' erba mija, wiehed u tmenin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€481.48) ekwivalenti ghal mitejn u sitt liri Maltin u sebghin centezmu (Lm206.70) minghand is-socjeta' konvenuta skond fattura numru 187334 datata 22 ta' Frar 2007 ghall-bejgh ta' laham li sar lis-socjeta' konvenuta fl-10 ta' Frar 2007. Bl-ispejjes inkluzi €23 ta' l-ittra interpellatorja datata 27 ta' Awissu 2007 u bl-imghax kummercjali kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici m'huwiex dovut mis-socjeta' konvenuta u dan peress li ma rcevietx tali konsenja u ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta' attrici kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Mizzi prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Clayton Azzopardi prodott mis-socjeta' attrici.

Ra l-affidavit ta' Adrian Bajjada prodott mis-socjeta' konvenuta.

Sema t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi permezz tal-kawza odjerna, s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' €481.48 ekwivalenti ghal Lm206.70 liema somma tirrapprezenta prezz ta' laham mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici.

Illi skond ix-xhieda ta' Joseph Mizzi, li huwa l-Managing Director tas-socjeta' attrici, fl-10 ta' Frar tas-sena 2007, kien cempillu certu Adrian Bajjada li kellu bzonn jixtri l-laham ghar-restaurant tas-socjeta' konvenuta. Stante li dakinhar kienet festa pubblika u l-fabbrika tas-socjeta' attrici kienet maghluqa, t-tnejn li huma kienu ftehmu li jiltaqghu barra l-bieb f'hin partikolari, kif fil-fatt ghamlu, u Adrian Bajjada kien indika w ghazel il-laham li kellu bzonn. Joseph Mizzi ghalhekk kien qatta u kkonsenja l-istess laham lill-Bajjada u t-tnejn li huma ftehmu li ma jinhareg l-ebda invoice dakinhar u minnflok Bajjada kellu jirritorna dik il-gimgha stess u jhallas. Gara pero' li Bajjada qatt ma mar ihallas u anki wara li ntbaghtulu l-

*invoices* xorta wahda baqa ma hallasx l-ammont dovut. Skond Mizzi, Adrian Bajjada kien ha konsenji tal-laham precedentement ghal din l-okkazzjoni u qatt ma kien hemm problemi fir-rigward tal-hlas dovut. Waqt il-kontro ezami tieghu, Mizzi kompla jikkonferma li dakinhar tal-10 ta' Frar 2007 Adrian Bajjada kien ha l-konsenja tal-laham '*on credit*' peress li kienet festa, u li d-*delivery note* u l-*invoices* kienu nhargu wara dik id-data.

Is-socjeta' attrici pproduciet ukoll bhala xhud taghha lill-certu Clayton Azzopardi li kien impjegat taghha sas-sena 2008 u li kien jahdem fl-*accounts department*. L-istess xhud ikkonferma kif wara l-festa pubblika tal-10 ta' Frar 2007, id-direttur Joseph Mizzi kien talbu sabiex johrog *invoice* lis-socjeta' konvenuta peress li kien issupplixxilha xi laham dakinhar tal-festa. Ix-xhud ikkonferma li huwa hareg l-*invoices* izda s-socjeta' konvenuta baqghet ma hallsitx u ghalhekk hu stess beda jcempel lill-Adrian Bajjada u jigri warajh ghall-hlas.

Ix-xhud Azzopardi xehed li ghall-ewwel meta kien icempel lill-Bajjada, dan ta' l-ahhar kien jghidlu li kien jaf bl-ammont pendenti u li kien ser ihallas fi zmien qasir, izda wara ftit beda ma jirrispondix u jevita t-telefonati tieghu. Mbaghad fl-ahhar, sahansitra biddel il-versjoni tieghu u beda jghid li ma kellu jaghti assolutament xejn lis-socjeta' attrici.

Minn-naha tieghu Adrian Bajjad prodott mis-socjeta' konvenuta xehed permezz ta' affidavit tieghu fejn fil-qosor spjega li huwa jahdem bhala *chef* fir-restaurant tas-socjeta' konvenuta u li huwa kien jiehu hsieb ix-xiri tal-ikel li kien hemm bzonn. Huwa spjega li kien ta' spiss jixtri minghand is-socjeta' attrici u li dan ix-xiri kien isir '*on a cash basis*' u qatt ma kien jiehu affarijiet '*on credit'*. Ix-xhud nega ghal kollox li huwa kien ghamel xi xiri minghand is-socjeta' attrici fid-data tal-10 ta' Frar 2007, u spjega li dan jiftakkru peress li din hija d-data ta' eghluq snin it-tifla tieghu u dakinhar dejjem jaghmlu *picnic* jew *party*. Skond hu ladarba huwa qatt ma xtara l-laham mertu tal-kawza fid-data msemmija, u lanqas ma rcieva l-

konsenja tal-istess, l-ammont pretiz minnu mhuwiex dovut.

Sussegwentement pero meta xehed in kontro ezami, l-istess xhud qal li fil-fatt id-data ta' eghluq snin it-tifla tieghu hija d-9 ta' Frar u mhux l-10 ta' Frar, u li huma jiccelebraw fl-10 ta' Frar. Huwa xehed ukoll li meta kien jixtri minghand is-socjeta' attrici kien jinzel personalment fil-fabbrika, jaghzel il-laham, jixtri u jhallas u li dan il-hlas kien isir permezz ta' cekkijiet.

Illi jirrizulta car li hawnhekk si tratta li zewg versjonijiet konfliggenti ghall-ahhar fejn filwaqt li parti qed tghid mod, il-parti l-ohra qed tghid l-oppost, u ghalhekk il-kompitu ta' dan it-Tribunal huwa li jara liema minn dawn iz-zewg versjonijiet konfliggenti hija dik l-izjed verosimili u l-izjed wahda kredibbli.

F'dan ir-rigward it-Tribunal josserva li l-versjoni ta' Joseph Mizzi hija fil-fatt korroborata mix-xhieda tax-xhud Clayton Azzopardi, li effettivament wiehed jista' jsejjahhlu bhala xhud indipendenti. Dana jinghad peress li x-xhud alavolja kien impjegat tas-socjeta' attrici precedentement, ma kienx ghadu jahdem hemm fiz-zmien meta tela jixhed. Dan ix-xhud spjega li Adrian Bajjada kien jammetti mieghu li kellu jaghti l-ammont dovut, u li kien lest li jhallas tali ammont, u kien biss wara li ghadda z-zmien li biddel il-versjoni tieghu u beda jghid li ma kellu jaghti xejn.

Illi fic-cirkostanzi t-Tribunal jhoss li x-xhieda moghtija minn Clayton Azzopardi hija krucjali peress li taghti piz u tissostanzja l-versjoni moghtijia minn Joseph Mizzi.

Oltre dan, it-Tribunal josserva li Adrian Bajjada spjega <u>fl-affidavit</u> tieghu (meta kellu c-cans kollu li jikkoncentra fuq dak li kien qed jghid) li huwa jiftakar li ma kienx mar jixtri l-laham dakinhar tal-10 ta' Frar 2007 peress li dik kienet il-gurnata ta' eghluq snin it-tifla tieghu. Irrizulta pero li dik mhijiex id-data ta' eghluq snin it-tifla tieghu izda d-data hija fil-fatt d-9 ta' Frar. Dan iwassal biex wiehed jiddubita serjament kif Adrian Bajjada seta' jikkostruwixxi t-tezi

tieghu fuq raguni li fil-fatt lanqas ma tirrizulta li hija korretta.

Illi f'kazijiet bhal dawn, it-Tribunal irid jara li zewg elementi gew sodisfatti, u cioe fl-ewwel lok li min qed jallega jrid jipprova, u fit-tieni lok, fejn hemm zewg versjonijiet konfliggenti, liema hija dik il-versjoni verosimili u l-izjed kredibbli.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' attrici rnexxilha tipprova t-talba taghha kemm permezz ta' provi viva voce, kif ukoll permezz ta' provi dokumentarji, kif ukoll li l-versjoni taghha hija ferm izjed konvincenti u verosimili minn dik tas-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, jilqa t-talba attrici, u jikkundannaha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba mija, wiehed u tmenin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€481.48) ekwivalenti ghal mitejn u sitt liri Maltin u sebghin centezmu (Lm206.70), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjes tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Avv. Veronica W. Galea Debono.**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------